**euaa fl-2024**

# L-Aġenzija

għandha l-mandat li ttejjeb il-funzjonament tas-SEKA u tassisti lill-Istati Membri billi tipprovdi:

**L-EUAA tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-pakkett ta' liġijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) li jirregolaw l-ażil u l-akkoljenza magħrufa bħala s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA).**

**Appoġġ operazzjonali**
bl-iskjerament ta' persunal u l-provvista ta' infrastruttura u servizzi

**Bini tal-kapaċitajiet**
lill-uffiċjali nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza;

**Appoġġ tekniku**
permezz tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' *data* relatata mal-ażil u l-iżvilupp ta' standards u linji gwida operazzjonali.

# Appoġġ operazzjonali

L-appoġġ tal-EUAA lill-Istati Membri laħaq livelli mingħajr preċedent fl-2024.

**1,077**
**persunal ekwivalenti għal full-time skjerati fi 13-il pajjiż**

**85,000**
**reġistrazzjoni appoġġata**

**16,000**
**intervista li saru f' 5 pajjiżi ta' operazzjoni**

Il-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni fit-Turkija appoġġat **34** missjoni ta' risistemazzjoni u assistiet **4,100** refuġjat, l-akbar ammont sa mill-istabbiliment tal-faċilità fl-2019.




#AsylumReport2025

# Timijiet ta’ Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil

Total ta’ **139 espert tal-Istati Membri** ġew innominati għat-Timijiet ta’ Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil minn **18-il Stat Membru**



**759**
ħaddiema temporanji tal-aġenzija

**125**
espert tal-Istati Membri

**75**
membri tal-persunal

**623**
espert estern remunerat

## Esperti nominati skont il-pajjiż

| | |
|---|---|
| L-Awstrija | 7 |
| Il-Belġju | 5 |
| Il-Bulgarija | 1 |
| Il-Kroazja | 2 |
| Iċ-Ċekja | 11 |
| Id-Danimarka | 6 |
| Il-Finlandja | 5 |
| Franza | 21 |
| Il-Ġermanja | 2 |
| L-Ungerija | 5 |
| Il-Latvja | 1 |
| In-Netherlands | 16 |
| In-Norveġja | 9 |
| Il-Polonja | 12 |
| Is-Slovakkja | 12 |
| Spanja | 14 |
| L-Iżvezja | 8 |
| L-Iżvizzera | 2 |

#AsylumReport2025

# Bini tal-kapaċitajiet



Żieda ta' **29 %** fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA meta mqabbla mal-2023, b'madwar **18 000** parteċipazzjoni.

L-EUAA **rrevediet u tejbet il-moduli ta' taħriġ** tagħha, filwaqt li fasslet moduli ġodda biex timla l-lakuni identifikati.

Il-Kurrikulu Ewropew fil-Qasam tal-Ażil baqa' riżorsa dinamika, komprensiva u rilevanti biex jiġu appoġġati l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza.

F'Diċembru 2024, l-EUAA ġiet **akkreditata** mill-awtoritajiet Maltin bħala **fornitur tal-edukazzjoni għolja** u ulterjuri.



# Għarfien dwar l-ażil



B'żieda fid-domanda għas-COI u għall-MedCOI, l-**EUAA ppubblikat informazzjoni** dwar il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni f'pajjiżi ewlenin ta' oriġini, **bħall-Afganistan, is-Sirja** u **l-Ukrajna**.

Fl-2024, l-Aġenzija żviluppat jew aġġornat **21 gwida u għodda**, pereżempju dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-għoti ta' informazzjoni fil-proċedura tal-ażil, ir-reġistrazzjoni, l-ippjanar ta' kontinġenza u alternattivi għad-detenzjoni.




**Aktar minn 600 każ ġdid** irreġistrat **fil-Bażi tad-*Data* tal-Ġurisprudenza tal-EUAA**.

Ġew inklużi paġni ġodda u l-kontenut ġie aġġornat fuq il-pjattaforma **EUAA Who is Who**, inkluż immappjar tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa.

#AsylumReport2025

# Għarfien dwar l-ażil



Rapport ġdid, **Vuċijiet fl-Ewropa: L-esperjenzi, it-tamiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni spostati b'mod furzat mill-Ukrajna**, ippreparati b'mod konġunt mal-OECD u b'kontribuzzjoni minn Gradus Research Company, ġabru l-esperjenzi ta' aktar minn 1,500 rispondent tal-**Istħarriġ tal-EUAA tal-Migranti li Jaslu mill-Ukrajna**.



**Aktar minn 2,500 parteċipant**
mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-qrati u mill-organizzazzjonijiet attendew laqgħat tematiċi u workshop tal-EUAA
biex irawmu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-għarfien.

# Għarfien dwar l-ażil



**Monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-SEKA**

Bi tħejjija għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Aġenzija, ġew adottati metodoloġija ta' monitoraġġ komuni u programm ta' monitoraġġ pluriennali għall-2026–2030.

**Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**

Ġie żviluppat programm dedikat biex jiffaċilita tranżizzjoni effettiva mill-Istati Membri għal SEKA riveduta (*ara aktar dettalji fit-Taqsima 2.1*).

Ġie żviluppat taħriġ imfassal apposta għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom li jirriżultaw mill-obbligi tal-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt.

L-Aġenzija żviluppat dokumenti ta' gwida, għodod ta' kwalità, standards u indikaturi biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni prattika tal-Patt.

# Kooperazzjoni internazzjonali

L-EUAA kompliet **tappoġġa** lill-awtoritajiet nazzjonali f'**pajjiżi terzi**, jiġifieri fir-reġjuni **tal-Balkani tal-Punent, tat-Turkija** u **tal-Lvant Nofsani** u **l-Afrika ta' Fuq (MENA)**.



L-**evalwazzjonijiet esterni** tal-pjanijiet direzzjonali għall-kooperazzjoni mal-Kosovo u l-Montenegro indikaw li **l-inizjattivi tal-EUAA kienu rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet sħab** u kkontribwew fit-tisħiħ tal-proċeduri tal-ażil. L-evalwazzjonijiet irrakkomandaw li l-għan, il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskeda ta' żmien tal-pjanijiet direzzjonali jiġu allinjati mar-riżorsi disponibbli.

Ġew organizzati sessjonijiet ta' taħriġ għall-professjonisti tal-ażil u tal-akkoljenza ta' pajjiżi terzi.

# Drittijiet fundamentali

**L-FRO rċieva sitt ilmenti fl-2024**

**2** għal atti allegati f'**Ċipru**

**1** għal atti allegati fil-**Greċja**

**1** għal atti allegati fil-**Ġermanja**

**2** f'pajjiżi barra mill-attivitajiet operazzjonali tal-EUAA

Li jikkonċernaw:

Allegat ksur tad-**dritt għall-ażil** (l-Artikolu 18, CFR)

Id-dritt għal **dinjità tal-bniedem** (l-Artikolu 1, CFR)

**Nondiskriminazzjoni** (l-Artikolu 21, CFR)

**4 ilmenti tqiesu inammissibbli** (ma kinux jinvolvu membri ta' Tim ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil tal-EUAA jew il-fatti ma kinux jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali)

**1 baqa'** pendenti sakemm tingħata aktar informazzjoni

**1** baqa' **taħt eżami**